MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1321/1999/1

**Ronald Abela f'ismu proprju u għan-nom tad-ditta *Abela Woodworks***

***Versus***

**Darren u Marie miżżewġin Borg**

F'din il-kawża l-attur qiegħed jitlob il-ħlas tal-prezz ta' xogħol magħmul b'appalt għall-konvenuti.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-attur għandu jieħu mingħand il-konvenuti elfejn, mitejn u ħamsa u disgħin lira u sittax-il ċenteżmu (Lm2,295.16), bilanċ tal-prezz ta' materjal u xogħol magħmul b'appalt għall-konvenuti u konsenjat lilhom fil-ħanut bl-isem *Top Coiff*, numru erbgħin (40), Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar.
Billi għalxejn sejjaħ lill-konvenuti, ukoll b'ittra tas-6 ta' Marzu 1999, biex iħallsu, l-attur fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti tikkundanna lill-konvenuti jħallsuh elfejn, mitejn u ħamsa u disgħin lira u sittax-il ċenteżmu (Lm2,295.16), flimkien ma' l-imgħax minn dakinhar tal-

konsenja sal-jum meta jsir il-ħlas, u l-ispejjeż, fosthom dawk ta’ l-ittra tas-6 ta’ Marzu 1999 u tal-mandat ta’ qbid ippreżentat fit-18 ta’ Marzu 1999.

L-attur kien talab ukoll illi l-kawża tinqata’ bid-dispensa tas-smigħ taħt il-proċedura sommarja speċjali, iżda l-qorti, b’dikriet ta’ l-4 t’Ottubru 1999[1], ordnat illi l-kawża timxi bil-proċedura normali, u l-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

1. is-somma mitluba, li hija parti minn somma akbar, hija bil-bosta esaġġerata, u x-xogħol li sar ma jistħoqqlux il-ħlas mitlub; u

2. l-appalt għadu ma tlestiex, u għalhekk l-azzjoni hija intempestiva.

B’dikriet tat-22 ta’ Novembru 1999[2] il-qorti ħatret lil Gaston Mifsud bħala espert tax-xogħol ta’ l-injam biex, wara li jara l-kont maħruġ mill-attur, igħid jekk ix-xogħlijiet imsemmija fil-kont tlestewx kollha u jgħid ukoll kemm hu l-prezz tas-suq meta tqis il-kwalità u l-istat tax-xogħol.

L-espert irrelata fid-19 t’April 2001[3]. Il-konklużjonijiet tiegħu huma illi, għalkemm għad iridu jitwaħħlu xi bibien u bsaten, u għalhekk ix-xogħol għadu ma hux lest għal kollox, ix-xogħol li sar inħadem kif iridu l-arti u s-sengħa u jaqbel mad-diżinn li fuqu kellu jsir. Kien ukoll tal-fehma illi l-prezz għax-xogħol kollu kellu jkun ta’ erbat elef u tlieta u sebgħin lira (Lm4,073), flok erbat elef, disa’ mija u ħamsa u disgħin lira u sittax-il ċenteżmu (Lm4,995.16) skond il-kont maħruġ mill-attur.

L-ilmenti tal-konvenuti huma mibnija aktar fuq il-fatt illi, wara li qabbdu lill-attur, sabu lil min jagħmlilhom ix-xogħol bi prezz irħas.

L-attur iżda ma kellu ebda obbligazzjoni li jaħdem bil-prezzijiet ta’ ħaddieħor. Jekk il-konvenuti riedu jqabblu l-prezzijiet, dan misshom għamluh qabel, u mhux wara li l-attur ħadem ix-xogħol. Barra minn hekk, mhux biżżejjed tqabbel prezz ma’ prezz; trid tara wkoll il-kwalità tax-xogħol ta’ ħaddieħor ma’ dik tax-xogħol ta’ l-attur.

Trid tqis ukoll illi, għax il-konvenuti riedu x-xogħol malajr, l-attur biex qdiehom ħadem u ħaddem in-nies bis-saħra.

[1] *Foll.* 10 *et seq.*

[2] *Fol.* 15..

[3] *Foll.* 21 *et seqq.*

Għalhekk huwa xieraq illi jitħallas aktar mill-prezz tas-suq, u l-qorti sejra tilqa' t-talba ta' l-attur għalkemm il-prezz tiegħu huwa ogħla wkoll minn dak indikat mill-perit tekniku bħala l-prezz tas-suq.

L-attur, iżda, ma jistax jitlob ħlas qabel ma jkun lesta x-xogħol kollu.  Għalhekk, qabel ma tipprovdi dwar it-talba ta' l-attur għall-ħlas tal-bilanċ tal-prezz, il-qorti tagħtih tliet xhur millum sabiex, taħt id-direzzjoni ta' l-istess espert tekniku, iwaħħal il-bibien u l-bsaten imsemmija fir-rapport, u tiddifferixxi l-kawża għal nhar it-Tlieta 15 ta' Frar 2005 fid-9.00 *a.m.* sabiex dakinhar l-espert jirrelata dwar jekk ix-xogħol li kien għad fadal tlestiex.

L-ispejjeż tal-perit għalissa jħallashom l-attur, li għandu wkoll jieħu ħsieb jinnotifika lill-espert b'kopja ta' din is-sentenza u jħarrku biex jidher fil-15 ta' Frar 2005 sabiex jirrelata.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------